# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru   32**

**Avviz  numru      90/99/SM**

**Lawrence Muscat**

**vs**

**Gozo Channel Company Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-22 ta' Jannar ta' l-1999 li permezz tieghu l-attur sejjah lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas is-somma ta' erba' mija u erbgha u ghoxrin Lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (LM424.62,0), rapprezentanti paga ghall-granet ta' xoghol zejda u allowances ohra dovuti minnha lill-attur, u dani in forza tal-kuntratt ta' impjieg tal-21 ta' Frar, 1996;**

2. **Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Ottubru, 1998 u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta sad-data tal-hlas effettiv**

tas-somma kollha, li hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-6 t'April ta' l-1999 li permezz tieghu l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi ma hemm ebda ammont dovut lill-attur kif jirrizulta mir-"records" tal-kumpanija rigward attendenza, overtime, u allowances ohra;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;

Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri datata t-2 ta' Mejju tas-sena 2001 li permezz taghha eccepixxa ulterjament is-segwenti:

1. Illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2147 (c) tal-Kodici Civili;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur kien gie impjegat mas-socjeta' konvenuta permezz ta' kuntratt ta' ingagg datat il-21 ta' Frar ta' l-1996 , fil-grad ta' fizzjal;

2. Illi konsegwenza ta' dan l-attur hadem taht kondizzjoni li ma jaghmilx "overtime" izda li jithallas tal-granet zejda li eventwalment jahdem stante li ai termini ta' l-artikolu 3 tal-kuntratt de quo l-attur kien tenut jahdem 225 gurnata jew 2250 siegha kull sena kalendarja;

3. Illi l-attur isostni li s-socjeta' konvenuta ma hallsitux ta' dawn il-granet zejda hekk komputati matul is-sena 1996 u ghalhekk qed issir din il-kawza;

Ikkonsidrat:

Illi rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta ghandu jinghad li din l-eccezzjoni hi wahda li trid tigi sollevata *ad limine* u stante li dan ma sarx m'hiex qed tiehu konjizjoni taghha;

Illi stante li l-allegazzjonijiet ta' l-attur jirrizultaw sodisfacentement, din il-qorti, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu, (LM424.62,0), bl-ispejjez.

John Farrugia
Deputat Registratur